MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Numru. 867/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Farrugia)**

**vs**

**Jason Navarro**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Jason Navarro ta' 31 sena bin Joseph u Carmen nee' Zammit, imwieled Pieta' nhar il-24 ta' Jannar, 1977 u residenti Flat 4, Dormant Court, Triq il-Htajriet, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' numru 089877(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar is-16 ta' Settembru, 2007 ghall-habta tal-04.50 A.M. waqt li kien qed isuq vettura BAF 863 ta' l-ghamla Opel Astra, gewwa Mosta Road, Hal Lija u f' inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin ;

1. B’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Garry Farrugia li ghandu I.D. 428083(M) hekk kif iccertifika Dr. A. Gauci M.D. (Reg. No. 3039), fuq il-persuna ta’ Diandra Cilia li ghandha numru tal-karta tal-identita’ 98386(M) hekk kif iccertifika Dr. Attard Biancardi M.D. (Reg. No. 5067), u feriti ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta’ Joanne Navarro li ghandha numru tal-karta tal-identita’ 147477(M) hekk kif iccertifika Dr. M. West M.D. (Reg. No. 3053).

2. Saq b’ manjiera traskurata, bla kont u perikoluz, meta habat ma’ vettura JBE 083 tal-marka Hyundai Accent u ikkawza hsara involontarja fuq l-istess vettura.

3. Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura kien qed isuq u jew juza b’ idejh telefon cellulari jew xi apparat simili iehor li jinzamm fl-idejn.

Il-Qorti kienet gentilment miltuba illi f’ kaz ta’ htija, tiskwalifika lill-imsemmi Jason Navarro milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta’ Dicembru 2010 (esebita a fol. 189 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 225, 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) fl-artikolu 225, 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) fl-artikolu 225, 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(d) fl-artikolu 15(1)(a), (2), 41 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(e) fl-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tas-16 ta’ Dicembru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi

procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fis-16 ta' Settembru 2007 ghall-habta ta' 04.50am f'Mosta Road, Hal-Lija bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAF 863 misjuqa mill-imputat Jason Navarro u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBE 083 misjuqa minn Gary Farrugia fejn sofrew griehi ta' natura gravi kemm iz-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident kif ukoll Diandra Cilia li kienet front seat passenger fil-vettura misjuqa minn Gary Farrugia u fejn sofriet griehi ta' natura hafifa Joanne Navarro l-passiggiera fil-vettura misjuqa mill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi Gary Farrugia s-sewwieq tal-vettura JBE 083 xehed darbtejn f'dawn il-proceduri, u cioe' waqt l-udjenza tat-13 ta Mejju 2009 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar 2012. Huwa spjega li fid-data tal-incident kien qed isuq il-vettura tieghu f'Mosta Road, Hal-Lija gej mid-direzzjoni tal-Mosta u sejjer lejn Birkirkara. Huwa kien qed isuq fuq il-karreggjata tieghu meta f'daqqa wahda ra dawl qawwi u l-vettura misjuqa mill-imputat li kienet gejja mid-direzzjoni opposta giet f'daqqa wahda fuq il-karreggjata tieghu u sehh l-impatt. Farrugia spjega li l-vettura tieghu waqfet mal-impatt u spiccat fejn tidher fl-iskizz imhejji mill-Pulizija u li jinsab inserit a fol. 21 tal-atti processwali. Huwa kkonferma li bhala konsegwenza tal-incident sofra griehi ta' natura gravi fejn sarlu ntervent kirurgiku f'irkoptu u gie nserit bolt tal-metall sabiex izomm irkoptu. Huwa qal li dam bejn tlieta u erba' xhur ma jirritorna ghax-xoghol u ghadu sallum il-gurnata ihoss l-effetti f'irkoptu u jkollu jaghmel l-exercises ta' kuljum minhabba l-griehi li sofra.

Gary Farrugia spjega wkoll li bhala konsegwenza tal-incident il-vettura tieghu spiccat ‘beyond economic repair’ u giet skrepjata. In kontro-ezami dan ix-xhud qal ukoll li la hu u l-anqas il-passiggiera li kienet mieghu ma kienu liebsin seat belt immedjatament qabel l-incident.

Diandra Cilia il-front seat passenger fil-vettura misjuqa minn Gary Farrugia xehdet fi tlett okkazzjonijiet f’dawn il-proceduri[1] fejn hija qalet li Farrugia kien ser iwassalha d-dar wara li kienu qed jaraw xi dvd’s id-dar tieghu il-Mosta. Hija qalet li huma kienu qed isuqu fuq il-karreggjata taghhom, u cioe dik ghal vetturi sejrin fid-direzzjoni ta’ B’Kara u bi speed normali meta sehh l-impatt u ma kinitx f’posizzjoni taghti aktar informazzjoni dwar id-dinamika tal-incident. Cilia spjegat li bhala konsegwenza tal-incident sofriet diversi griehi f’wiccha u f’saqajha. Hija qalet li damet rikoverata l-Isptar tnax il-gurnata u mbaghad damet hames xhur ma tistghax tmur ghax-xoghol. Din ix-xhud spjegat li sarilha intervent kirurgiku f’saqajha fejn gew inseriti xi boltijiet u prezentat ritratti li juru l-griehi li kellha f’wiccha[2] minn fejn kellu jitnehha xi frak tal-hgieg li kellha. Cilia produciet diversi certifikati medici nseriti a fol. 103 sa 117 tal-atti processwali fosthom certifikati li jindikaw li kellu jsirilha skin grafting f’wiccha u certifikat iehor li jindika li hija kellha bzonn kura psikjatrika ghaliex kienet qed issofri minn post traumatic disorder bhala konsegwenza tal-incident. Dr. Etienne Muscat li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenzi tas-26 ta’ Marzu 2010 u tas-7 ta’ Mejju 2010 ikkonferma li huwa kien ta kura psikjatrika lil Cilia li kienet qed issofri minn post traumatic disorder bhala konsegwenza tal-incident. Dr. Mark Anthony Attard Bianchardi li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-13 ta’ Marzu 2009 ikkonferma c-certifikat mediku minnu rilaxxjat u nserit a fol. 36 tal-atti processwali u indika li Diandra Cilia kellha diversi feriti ta’ natura gravi u li kienu jikkonsistu f’lacerazzjonijet f’wiccha, ksur f’idejha tal-lemin u f’saqajha tax-xellug.

Ikkunsidrat:

[1] Fl-udjenzi tas-27 ta’ Novembru 2009, tas-7 ta’ Mejju 2010 u tat-18 ta’ Marzu 2011.
[2] Inseriti a fol. 102 tal-atti processwali.

Illi l-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta’ Lulju 2012 fejn huwa stqarr li fil-gurnata tal-incident huwa kien gej minn Paceville u kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni BAF 863 gej mid-direzzjoni ta’ Hal-Lija u sejjer lejn il-Mosta u kellu bhala passiggiera mieghu lil dak iz-zmien mara tieghu Joanne Navarro. Huwa qal li waqt li kien tiela’ lejn il-Mosta ra dawl qawwi li kien gej mill-ispoiler tal-vettura gejja mid-direzzjoni opposta u dan id-dawl ghammxu u sehh l-impatt. L-imputat isostni li huwa kien qed isuq lejn nofs it-triq peress li fuq in-naha tal-passiggier tieghu kien hemm xi barrikati tal-konkos peress li kienu qed isiru xi xoghlijiet fit-triq. Huwa qal ukoll li zamm lejn nofs it-triq sabiex il-vettura tieghu li kienet ghadha gdida ma tinteliex trab.

Ikkunsidrat :

Illi fin-Nota ta’ Rinviju datata 3 ta’ Dicembru 2010 l-Avukat Generali indika li tista’ tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 225, 226(1)(a) u (b) u 17 tal-Kodici Kriminali u fl-Artikoli 15(1)(a) u (2) u 41 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet finali tal-imputat l-istess imputat eccepixxa il-preskrizzjoni ta’ sentejn kontemplata fl-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali kemm in kwantu jirrigwarda it-tieni mputazzjoni kif ukoll in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni stante li dejjem skond l-imputat mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni ma rrizultax li l-griehi sofferti minn Gary Farrugia u minn Diandra Cilia kellhom il-konsegwenzi ndikati fl-Artikoli 218 tal-Kodici Kriminali u kien ghalhekk japplika l-Artikolu 226(1)(b) u mhux l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali. L-imputat qed jissolleva din l-eccezzjoni stante li saret korrezzjoni fic-charge sheet fejn l-imputat rega’ gie notifikat mill-gdid bl-imputazzjonijiet kif korretti fis-27 ta’ Novembru 2009 u cioe’ aktar minn sentejn wara li sehh l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna. Filwaqt li l-Qorti qed tilqa’ din l-eccezzjoni in kwantu riferibbli ghat-tieni mputazzjoni stante li mill-atti processwali effettivament jirrizulta li l-imputat gie notifikat bic-charge sheet kif korretta aktar minn sentejn wara li sehh l-incident awtomobilistiku de

quo, qed tichad din l-eccezzjoni in kwantu riferibbli ghall-ewwel imputazzjoni stante li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni, u senjatament mix-xhieda ta’ Gary Farrugia u ta’ Diandra Cilia kif ukoll mir-rapporti medici riferibbli ghall-griehi minnhom sofferti bhala konsegwenza tal-incident kif ukoll mix-xhieda tat-tobba li rrilaxxjaw l-imsemmija certifikati, jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-griehi sofferti minn dawn l-imsemmija zewg persuni kellhom il-konsegwenzi ndikati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali u li kwindi l-perijodu ta’ preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta’ hames snin kontemplat fl-Artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali. Kemm Gary Farrugia kif ukoll Diandra Cilia t-tnejn indikaw li gew inseriti boltijiet f’saqajhom u li huma ghadhom ibghatu mill-griehi li sofrew. Inoltre fil-kaz ta’ Diandra Cilia sar skin grafting f’wiccha li halla l-marki. Il-Qorti sejra ghalhekk tichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mid-Difiza in kwantu din hija riferibbli ghall-ewwel imputazzjoni u ser tilqaghha biss in kwantu riferibbli ghat-tieni mputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jirrizulta minghajr ombra ta’ dubju li l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament minhabba sewqan perikoluz u traskurat u nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti da parti tal-imputat Jason Navarro li fil-mument tal-impatt kien qed isuq il-vettura tieghu kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq skond kif ma jirrizulta mill-iskizz imhejji mill-Pulizija sabiex b’hekk ostakola l-karreggjata tal-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta u fuq sajdha u sehh l-impatt. L-iskuza migjuba mill-imputat li huwa kien qed isuq lejn in-nofs tat-triq minhabba l-barrikati tal-konkos li kien hemm man-naha tax-xellug tieghu hija ghal kollox inaccettabbli u ma tiggustifikax il-fatt li huwa kien qed isuq kompletament wrong side kif jidher fl-iskizz. Huwa minnu li mill-provi prodotti mid-Difiza jirrizulta li fit-triq in dizamina kienu qed isiru xi xoghlijiet u li bi zball il-barrikati gew indikati mis-Surgent li hejja l-iskizz fuq in-naha l-hazina tat-triq izda dan bl-ebda mod ma jiggustiifika l-fatt li l-imputat kien qed isuq kompletament wrong side kif jidher fl-iskizz. Li kieku

verament huwa kien qed isuq lejn in-nofs tat-triq kif jghid hu l-impatt ma kienx isehh ghaliex huwa ma kienx ikun qed jinvadi l-karreggjata tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta u Farrugia kien ikun jista’ jkompli ghaddej ghall-affari tieghu kif kien qed jaghmel qabel ma l-imputat ghall-gharrieda nvadielu l-karreggjata. Ghall-istess raguni l-iskuza migjuba mill-imputat li d-dawl qawwi li kien gej mill-ispoilers tal-vettura ta’ Farrugia ghammixlu ghajnejh qed tigi skartata. Il-Qorti jidrilha li sewqan kompletament wrong side f’arterja principali bhal ma hija Mosta Road, Lija u f’dak il-hin fejn kien ghadu ma sebahx certament li ghandu jitqies bhala sewqan perikoluz. Il-Qorti tixtieq ukoll tirrileva li mix-xhieda ta’ Paul Sciberras ir-rapprezentant tas-socjeta’ assikuratrici GasanMamo Insurance Limited u li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta’ Jannar 2010 jirrizulta li l-istess socjeta’ assikuratrici li kienet harget il-polza ta’ assikurazzjoni third party fire and theft li kienet tkopri l-vettura misjuqa mill-imputat kienet accettat it-tort ghall-incident in dizamina u hallset id-danni sofferti lit-terzi nvoluti fl-istess incident. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni izda dan biss in kwantu jirrigwarda l-griehi sofferti minn Gary Farrugia u Diandra Cilia stante li l-Prosekuzzjoni ma resqitx provi in kwantu jirrigwarda l-griehi allegatament sofferti minn Joanne Navarro. L-imputat sejjer ukoll jigi dikjarat mhux hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kemm ghaliex l-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu ma ndika ebda artikolu tal-ligi riferibbli ghal din l-imputazzjoni u fi kwalunkwe kaz ghaliex ma ngabet ebda prova mill-Prosekuzzjoni li tindika li l-imputat kien qed juza telephone cellulari waqt li kien qed isuq.

Ghal finjiiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat kemm in-natura tal-griehi sofferti mill-vittmi izda kkunsidrat ukoll il-fatt li l-istess vittmi gew rimborsati mill-assikurazzjoni tal-imputat ghad-danni minnhom sofferti u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena pekunjarja u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan  u mhux piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-3 ta’ Dicembru 2010 u senjatament l-Artikoli 225, 226(1)(a) u 17 tal-

Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu izda limitatament in kwantu din l-imputazzjoni hija riferibbli ghall-griehi sofferti minn Gary Farrugia u Diandra Cilia u tikkundannah multa ta’ elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum. Il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mid-Difiza in kwantu jirrigwarda t-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tiddikjara l-azzjoni bhala estinta. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------